MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2012

Citazzjoni Numru. 259/2005

**Joseph u Maria Anna konjugi Vella u Maria Sciberras**

**vs**

**Gino Zammit**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ta' Joseph u Maria Anna konjugi Vella u Maria Sciberras, li permezz taghha, wara li ppremettew illi:

F'Gunju 2004, l-attur Joseph Vella gie introdott lill-konvenut minn certu John Coleiro;

Il-konvenut gie introdott bhala membru tal-korp tal-Pulizija u li kien assenjat fis-sezzjoni tas-CID (Criminal Investigation Department);

Il-konvenut, ghal diversi drabi, informa lill-atturi, u kif ukoll lil terzi, li huwa kien pulizija fis-sezzjoni tas-CID;

Fuq din il-pretensjoni, l-attur Joseph Vella kellu fiducja fil-konvenut;

A bazi ta’ dina l-fiducja msejsa fuq id-dikjarazzjoni maghmula mill-konvenut, l-atturi Joseph u Maria Anna konjugi Vella pprovdew lill-konvenut finanzjarjament kemm ghan-negozju tal-konvenut u kif ukoll ghall-hlas ta’ obbligazzjonijiet ta’ l-istess konvenut;

Bhala fatt, fil-perjodu bejn Lulju 2004 u Dicembru 2004, l-atturi Joseph u Maria Anna konjugi Vella sellfu lill-konvenut “brevi manu” is-somma ta’ Lm15,352 (hmistax-il elf, tlett mija u tnejn u hamsin Lira Maltin);

F’Awissu 2004, l-attur Joseph Vella u l-konvenut kellhom isiefru flimkien u jmorru t-Turkija u qabel it-tluq, il-konvenut insista ma’ l-attur Joseph Vella illi nofs il-flus kontanti li kellu fuqu Joseph Vella kellu jaghtihom lill-konvenut sabiex izommhomlu. Fil-fatt, l-attur Jospeh Vella kkonsenja lill-konvenut is-somma ta’ Lm2,225 (elfejn, mitejn u hamsa u ghoxrin Lira Maltin) f’munita estera qabel it-tluq minn Malta;

Wara li waslu t-Turkija, il-konvenut informa lill-attur Joseph Vella illi l-awtoritajiet Torok kienu ssekwestrawlu l-flus izda l-istess awtoritajiet kienu ser jibghatu il-flus lill-Pulizija f’Malta;

Dak kollu dikjarat mill-konvenut ma kienx minnu u bhala fatt il-flus qatt ma gew ritornati lill-attur Joseph Vella;

Maria Sciberras tigi bint l-atturi Joseph u Maria Anna konjugi Vella;

L-attrici Maria Sciberras, ghal xi zmien kellha problemi matrimonjali liema fatt il-konvenut kien ingieb ghall-kojizzjoni taghhom u f’Novembru 2004 huwa kien offra li jaghmel indagni dwar il-finanzi tar-ragel ta’ l-attrici Maria Sciberras;

Il-konvneut kien informa lill-attur Joseph Vella u lill-attrici Maria Sciberras illi bhala fatt, ir-ragel tal-attrici Maria Sciberras kellu “safe deposit box” ma’ l-HSBC Bank Malta p.l.c.;

Sabiex jottjeni informazzjoni dwar dan is-“safe deposit box”, il-konvenut kien talab lill-attur Joseph Vella, is-somma ta’ erbat elef Lira Maltin (Lm4,000) liema somma, l-attur Joseph Vella hallas lill-konvenut;

Sussegwentement, il-konvenut rega’ talab aktar flus lill-attur Joseph Vella u lill-attrici Maria Sciberras in konnessjoni ma’ dina l-indagni billi kompla jaghmel rapprezentazzjonijiet foloz;

Joseph Vella ma kellux aktar flus likwidi u bhala fatt Maria Sciberras ottjeniet finanzjarjament minghand konoxxenzi taghha u bhala fatt l-attrici Maria Sciberras hallset lill-konvenut is-somma ulterjuri ta’ hamest elef Lira Maltin (Lm5,000);

Bhala l-fatt, il-konvenut ircieva mingahnd l-atturi komplessivament is-somma ta’ Lm26,577 (sitta u ghoxrin elf, hames mija u sebgha u sebghin Lira Maltin);

Sussegwentement, lill-attur Joseph Vella rrizultalu li l-konvenut mhux minnu li kien jifforma parti mill-Korp tal-Pulizija;

Sussegwentement, lill-attur Joseph Vella rrizultalu ukoll illi mhux minnu li kien sar stharrig fuq il-finanzi tar-ragel ta’ l-attrici Maria Sciberras u wisq anqas kienet veritjiera l-informazzjoni moghtija mill-konvenut;

Il-konvenut illum huwa debitur ta’ l-atturi fis-somma ta’ Lm26,577 (sitta u ghoxrin elf, hames mija u sebgha u sebghin Lira Maltin);

Ghalkemm interpellat sabiex ihallas dana d-debitu l-konvenut baqa’ inadempjenti;

Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Talab il-konvenut jghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Tiddikjara li l-konvenut huwa debitur ta' l-atturi Joseph Vella u Maria Anna Vella fis-somma ta' Lm21,577 (wiehed u ghoxrin elf, hames mija u sebgha u sebghin Lira Maltin) rapprezentanti flus mislufin brevi manu u flus imhallsa indebitament lill-konvenut u dana kif espost;

Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi Joseph Vella u Maria Anna Vella, is-somma ta' Lm21,577 (wiehed u ghoxrin elf, hames mija u sebgha u sebghin Lira Maltin);

Tiddikjara li l-konvenut huwa debitur ta' l-attrici Maria Sciberras fis-somma ta' Lm5,000 (hamest elef Lira Maltin) rapprezentanti flus imhallsa indebitament lill-konvenut u dana kif espost;

Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici Maria Sciberras is-somma ta' Lm5,000 (hamest elef Lira Maltin).

Bl-ispejjez u bl-imghax ulterjuri kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' Gino Zammit, li in forza taghha eccepixxa illi:

Preliminarjament, it-talbiet fil-konfront ta' l-eccipjenti huma intempestivi stante li ma huwiex minnu li l-eccipjenti gie interpellat mill-atturi sabiex jersaq ghall-hlas ta' xi kreditu allegatament dovut lill-atturi u dan kif allegat mill-atturi fic-citazzjoni promotrici.

Sussidjarjament u minghajr ebda pregudizzju ghall-premess, it-talba ta' l-atturi kif rivolta fil-konfront ta' l-eccipjenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li ma huwa dovut l-ebda ammont mill-eccipjenti, versu l-atturi konjugi Vella, u/jew versu l-attrici Maria Sciberras.

It-talbiet ta’ l-atturi huma bbazati fuq allegazzjonijiet u fatti inveritieri fil-konfront ta’ l-eccipjenti, u ma humiex sostanzjati b’dokumenti li jistghu jikkorraboraw il-fatti kif allegati fic-citazzjoni promotrici.

Sussidjarjament u minghajr ebda pregudizzju ghall-premess, l-eccipjenti irrimborsa kwalsiasi kreditu talvolta dovut lill-atturi u attwalment ma jezisti l-ebda kreditu dovut mill-eccipjenti versu l-atturi u dan kif allegat fic-citazzjoni promotrici.

In vista tal-premess, it-talbiet ta’ l-atturi kif rivolti fil-konfront ta’ l-eccipjenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess atturi.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Rat id-dokumenti.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju inkarigata minn din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta’ Ottubru 2007 quddiem il-Qorti kif presjeduta fejn l-istess Qorti rrevokat l-inkarigu ta’ l-Assistent Gudizzjarju u hatret lil Dr. Joseph Buttigieg bhala Perit Legali.

Rat il-provi kollha migbura mill-Perit Legali.

Rat ir-relazzjoni ta’ l-istess Perit Legali.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi, wara ezami bir-reqqa tal-provi kollha, il-Perit Legali wasal ghas-segwenti konkluzjoni.

“*Fil-fehma ta’ l-esponent, mill-kumpless tal-provi jirrizulta sodisfacentement illi l-ammonti kollha kif indikati fil-paragrafi precedenti gew mehuda minn Gino Zammit (konvenut) minghand l-atturi konjugi Vella u l-attrici Sciberras, fi zminijiet differenti, kollha ttiehdu taht*

*pretensjonijiet foloz u minnhom ma gie restitwit xejn lill-atturi. Ghalhekk, l-ammonti kollha ghandhom jigu restitwiti mill-konvenut lill-atturi.*”

Din il-Qorti, tikkondividi perfettament dawn il-konkluzjonijiet, u taghmel referenza partikolarment ghall-atti tal-proceduri Kriminali decizi fil-konfront tal-konvenut, li l-Qorti tqishom bhala xhieda ta’ piz konsiderevoli.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa’ l-ewwel talba u tiddikjara illi Gino Zammit huwa debitur ta’ Joseph Vella u Maria Anna Vella fl-ammont ta’ wiehed u erbghin elf, sitt mija u tmien Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€41,608.25); tilqa’ t-tieni talba u tikkundanna lil Gino Zammit ihallas lil Joseph Vella u Maria Anna Vella s-somma ta’ wiehed u erbghin elf, sitt mija u tmien Ewro u hamsa u ghoxrin centezmu (€41,608.25); tilqa’ r-raba’ talba u tiddikjara li Gino Zammit huwa debitur ta’ Maria Sciberras fl-ammont ta’ hdax-il elf, sitt mija u sitta u erbghin Ewro u sebgha u tmenin centezmu (€11,646.87); tikkundanna lil Gino Zammit ihallas lil Maria Sciberras is-somma ta’ hdax-il elf, sitt mija u sitta u erbghin Ewro u sebgha u tmenin centezmu (€11,646.87), bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba fic-citazzjoni.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Gino Zammit.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------